

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Mejju 2017 – Hermann Bock vs EUIPO (Push and Ready)**(Kawża T-279/17)**

(2017/C 213/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet***Rikorrenti:* Hermann Bock GmbH (Verl, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Maaßen u V. Schoene, avukati)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-elementi verbali “Push and Ready” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 758 205*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Jannar 2017 fil-Każ R 1279/2016-5**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata, innotifikata fl-1 ta' Marzu 2017, li biha l-Bord tal-Appell ikkonferma li t-trade mark figurattiva Nru 14758205 ma tistax tiġi rreġistrata, u tirrinwija l-kawża quddiem l-Uffiċċju għal eżami mill-ġdid.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2017 – GE.CO.P. vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-280/17)**

(2017/C 213/51)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet***Rikorrenti:* GE.CO.P. Generale Costruzioni e Progettazioni SpA (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: G. Naticchioni, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet**

Ir-rikorrenti targumenta li l-Qorti Ġenerali għandha, suġġett għall-konstatazzjoni tal-adozzjoni illegali mill-Kummissjoni Ewropea – l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika, il-Lussemburgu – tad-deċiżjoni tas-7 ta' Marzu 2017, li inkludiet fil-konfront tar-rikorrenti GE.CO.P. S.p.A. l-esklużjoni ta' sentejn mill-proċeduri Ewropej ta' sejħa għal offerti u l-pubblikazzjoni tal-miżura, tannulla dik id-deċiżjoni u l-atti kollha li joħorġu minnha jew li huma suġġetti għaliha, anki mhux magħrufa minn GE.CO.P, u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż u l-onorarji professjonali relatati ma' dawn il-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-risoluzzjoni adottata mill-Kummissjoni *ex officio*, fil-5 ta' Awwissu 2015, dwar Kuntratt pubbliku Nru 09bis/2012/OIL – Lott 1 dwar ir-rinnovament ta' żewġ binjiet magħrufa bħala l-“Fwajer Ewropew” li jinsabu fil-Lussemburgu, mogħtija lil GE.CO.P, tiffirma l-bażi tal-miżura kkontestata.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinwoka l-ksur tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE, Euratom) 2015/1929 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Ottubru 2015, li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU 2015, L 286, p. 1), kif ukoll il-ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.